MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 21/2013

**Joseph Zammit K.I. 373863(M)**

**vs.**

**Rosaria Zammit Busuttil**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2013, li permezz tiegħu:

l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' seba' mija, tlieta u erbgħin Ewro u sebgħa ċenteżmi (€743.07), rappreżentanti ammont dovut lilu mingħand il-konvenuta Rosaria Zammit Busuttil bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali ppreseduta mill-Maġistrat A. Mizzi mogħtija nhar id-19 ta’ Ġunju 2009 rikors Nru 937/2006.

Illi minkejja li ġiet interpellata mill-attur għal diversi drabi, il-konvenuta Rosaria Zammit Busuttil baqgħet inadempjenti għall-ħlas ta’ dan l-ammont u cioe EUR743.07.

Għaldaqstant, l-attur umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenuta tħallas is-somma dovuta lilu u cioe EUR743.07, bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali u bl-imgħaxijiet kollha dovuti mid-data minn meta l-ammont ta’ EUR 743.07 sar dovut.

Ra r-risposta tal-konvenuta **Rosaria Zammit Busuttil** ippreżentata fil-11 ta’ Lulju 2013, fejn hija eċċepiet:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta’ Malta peress illi r-riżarċiment tal-ħsarat jirrisali għas-sbatax (17) ta’ Lulju 2006;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni hija preskritta wkoll bid-dekors ta’ ħames snin;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-każ.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet limitatament dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.

Ra l-verbal tal-5 ta’ Diċembru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata sentenza preliminari dwar il-preskrizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal għandu quddiemu il-kompitu li jeżamina jekk it-talba attriċi hijiex preskritta. Illi l-konvenuta intavolat il-preskrizzjoni fiż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha iżda ma ċċitat l-ebda artikolu mil-liġi tagħna a bażi u in sostenn tal-istess eċċezzjonijiet.

Ikkunsidra illi l-preskrizzjoni hija eċċezzjoni pjuttost partikolari u dana għaliex filwaqt illi hija eċċezzjoni li tista’ titqajjem f’kull stadju tal-kawża, il-ġudikant għandu jdejh marbuta li japplika l-preskrizzjoni unikament skont l-artikolu iċċitat u li jagħti interpretazzjoni restrittiva.

Jiġi osservat illi skont l-Artikolu 2111 Kodiċi Ċivili *“il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata”.*

Dan l-artikolu huwa ċar biżżejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-ġudikatur ma jistax jirriċerka *d’ ufficio* il-fatti kostituttivi ta’ eċċezzjoni riżervata mil-liġi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista’ l-ġudikant jassumi *d’ ufficio* tali fatti fid-deċiżjoni tiegħu għall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni jekk din ma tkunx ġiet espressament dedotta.

Dan huwa konfermat u stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna.

*“Irid jingħad ukoll illi l-proposizzjoni ġenerika ta’ l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-ġudikant biex jindividwa hu t-tip tal – preskrizzjoni li tgħodd għall-każ. Dan għaliex huwa l-parti li għandu l-oneru jagħżel liema waħda mill-varji ipotesijiet preżunti mil-liġi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta’ indikazzjoni*

*speċifika l-eċċezzjoni nnifisha ma tistax ħlief tiġi dikjarata inammissibbli.”*[1]

Fil-kawża Manche Donald noe vs. Joseph Said[2] intqal:

“Li jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi *ex officio* għan-nuqqas tal-parti u ma għandhiex għalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli għall-każ xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod ċar u espliċitu minn min jinvokaha.”

Fil-kawża Maltacom p.l.c. ġia Korporazzjoni TeleMalta vs. Salina Co. Limited[3] intqal:

Illi minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u “*tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f’materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva*”[4]

Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta’ indikazzjoni ċara u speċifika tal-preskrizzjoni, il-ġudikant ma jistax jieħu inizzjattiva biex jissupplixxi hu għan-nuqqas tal-parti.

Fil-każ odjern, il-konvenuta ma semmiet ebda artikolu fir-risposta tagħha u l-artikolu li a bażi tiegħu riedet issostni l-eċċezzjonijiet tagħha semmietu biss fit-trattazzjoni finali, meta l-provi kollha dwar il-preskrizzjoni kienu ġew magħluqa, fejn hija ċċitat l-Artikolu 2154(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Konfortat mill-ġurisprudenza li ġiet iċċitata, it-Tribunal ma jistax f’dana l-istadju jikkunsidra l-preskrizzjoni u jipprovdi hu l-artikolu preskrittiv li jista’ japplika għall-każ.

---

[1] Gauci Joseph vs. Farrugia Saviour, Ċitazzjoni Numru 1516/2002/1, deċiża mill-Qort tal-Appell (Sede Inferjuri) fit- 22/06/1005
[2] Ċitazzjoni Numru: 1446/1992 deċiża fit-28 /05/2003
[3] Ċitazzjoni Numru. 1791/1999/1 deċiaa fit-30 ta' Novembru, 2004
[4] Kollez. Vol: XL.i.166 App. Ċiv. fl-ismijiet Cali vs. Galea deċiż 11 ta’ Mejju 1956

Illi għalhekk in bażi għall-konsiderazzjonijiet premessi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni  kif sollevata hija insostenibbli u qed tiġi miċħuda.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta u cioe illi t-talba tal-attur hija preskritta u konsegwentement it-Tribunal jordna il-prosegwiment tal-kawża dwar il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------